# SOLENNITÀ TA’ SIDNA ĠESÙ KRISTU, SULTAN TAL-ĦOLQIEN KOLLU

**L-EWWEL QARI**
**Qari mit-Tieni Ktieb ta’ Samwel**
**2 Sam 5, 1-3**

F’dak iż-żmien: Ġew it-tribu’ kollha ta’ Israel għand David f’Ħebron u qalulu: “Hawn aħna! Għadmek u laħmek aħna. Fl-imgħoddi, meta kien għadu sultan fuqna Sawl, int kont toħroġ u ddaħħal lil Israel. Il-Mulej kien qallek, ‘Inti għad tirgħa l-poplu tiegħi Israel, int tkun prinċep fuq Israel!’’
U ġew ix-xjuħ kollha għand is-sultan f’Ħebron, u s-sultan David għamel patt magħhom f’Ħebron quddiem il-Mulej, u huma dilku lil David sultan fuq Israel.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 121**
**Sejrin ferħana f’dar il-Mulej.**

Fraħt meta qaluli:
“Immorru f’dar il-Mulej!’’
Diġa’ qegħdin riġlejna
fi bwiebek Ġerusalem.

**R/. Sejrin ferħana f’dar il-Mulej**

Ġerusalem, mibnija bħal belt,
magħquda ħaġa waħda!
Lejha t-tribu’ jitilgħu,
it-tribu’ tal-Mulej.

**R/. Sejrin ferħana f’dar il-Mulej.**

Hemm skond il-liġi ta’ Israel,
ifaħħru isem il-Mulej.
Għax hemm twaqqfu t-tronijiet tal-ħaqq,
it-tronijiet ta’ dar David.

**R/. Sejrin ferħana f’dar il-Mulej.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta’ San Pawl Appostlu lill-Kolossin.**
**Kol 1, 12-20**

Ħuti: Roddu ħajr lill-Missier, li għamilkom denji li tissieħbu fil-wirt tal-qaddisin fis-saltna tad-dawl. Hu ħelisna mill-ħakma tad-dlam u daħħalna fis-saltna ta’ Ibnu l-għażiż, li bih għandna l-fidwa, il-maħfra tad-dnubiet. Hu x-xbieha ta’ Alla li ma jidhirx, il-kbir fost il-ħlejjaq kollha; għax fih kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art,

dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx, troni u ħakmiet, prinċipati u setgħat. Kollox bih u għalih kien maħluq, hu qabel kollox, u kollox fih qiegħed iżomm. Hu r-Ras tal-Ġisem, li hu l-Knisja; hu l-bidu, il-kbir li qam mill-imwiet, sabiex ikun hu l-ewwel f'kollox. Fih għoġobha tgħammar il-milja kollha tad-divinita', bih Alla għoġbu jerga' jħabbeb kollox miegħu, u bid-demm tiegħu, imxerred fuq is-salib, ġieb is-sliem permezz tiegħu fis-sema u fl-art.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Imbierek min ġej f'Isem il-Mulej!
Imbierka s-saltna ta' David missierna li ġejja!
**Hallelujah.**

**L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 23, 35-43**

F'dak iż-żmien: Il-kapijiet bdew igħajbu lil Ġesu' u jgħidu: "Salva oħrajn; ħa jsalva lilu nnifsu jekk inhuwa hu l-Messija ta' Alla, il-maħtur tiegħu!''
Is-suldati wkoll bdew igħadduh biż-żufjett; u resqu lejh newlulu nbid qares u qalulu: "Jekk inti s-sultan tal-Lhud, salva lilek innifsek!'' In-naħa ta' fuq rasu kien hemm ukoll kitba li kienet tgħid, "Dan is-sultan tal-Lhud!''
Wieħed mill-ħżiena li kienu mdendla beda jgħajru u jgħidlu: "Int mintix il-Messija? Salva lilek innifsek u lilna.'' Imma qabeż l-ieħor, ċanfru u qallu: "Anqas minn Alla int ma tibża', int li qiegħed taħt l-istess kundanna? Tagħna hija ġusta, tassew, għax qegħdin nieħdu li ħaqqna ta' kull ma għamilna; imma dan ma għamel xejn ħażin.''
Imbagħad qal: "Ġesu', ftakar fija meta tiġi fis-saltna tiegħek.'' U hu wieġbu: "Tassew, ngħidlek, illum tkun miegħi fil-Ġenna.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**